**Konferma tal-wasla ta' lment multiplu dwar allegat ksur mill-Awstrija tar-regoli tal-UE dwar il-moviment liberu tal-merkanzija permezz ta' § 16b tad-digriet Awstrijak dwar l-imballaġġ (Verpackungsverordnung)**

Numru ta' referenza: CHAP(2022)3539

Il-Kummissjoni Ewropea rċeviet għadd kbir ta' lmenti dwar ir-rekwiżit, skont § 16b tad-digriet Awstrijak dwar l-imballaġġ, ta' rappreżentant awtorizzat li jissodisfa l-obbligi tal-produtturi skont § 13 g tal-liġi Awstrijaka dwar l-iskart (Abfallwirtschaftsgesetz) għal negozjanti li jordnaw posta transfruntiera minn Stati Membri oħra.

Il-Kummissjoni daħħlet dawn l-ilmenti fir-reġistru ċentrali tal-ilmenti bin-numru ta' referenza CHAP(2022)3539. Tista' tintbagħat informazzjoni ulterjuri dwar l-ilment tiegħek lill-punti ta' kuntatt elenkati hawnhekk. Jekk jogħġbok ikkwota n-numru ta' referenza msemmi hawn fuq.

Minħabba l-għadd sinifikanti ta' lmenti li rċeviet dwar dan is-suġġett, il-Kummissjoni, bil-ħsieb li twieġeb malajr u tinforma lil dawk ikkonċernati kif ukoll minħabba l-interess pubbliku potenzjalment usa' fil-kwistjoni li qajmu l-ilmentaturi, qed tippubblika din il-konferma tar-riċevuta fuq il-paġna apposta tas-sit web Europa. L-ilmentaturi se jiġu infurmati, mill-istess kanal ta' informazzjoni, dwar ir-riżultati tal-eżami tal-Kummissjoni ta' dawn l-ilmenti u dwar l-azzjoni ulterjuri li l-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li tieħu.

Il-Kummissjoni se tqis l-ilment fid-dawl tad-dritt tal-UE applikabbli u skont il-prijoritajiet tal-infurzar stabbiliti fil-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni "Id-Dritt tal-UE: Riżultati aħjar permezz ta' applikazzjoni aħjar"[1].

Tajjeb li tinnota li jekk il-Kummissjoni tiddeċiedi li tagixxi b'segwitu għall-ilment tiegħek, inkluż billi tniedi proċedura ta' ksur formali, l-għan ġenerali tagħha huwa li tiżgura li l-liġijiet tal-Istati Membri jkunu konformi mad-dritt tal-UE u li jkunu applikati sew. Il-preżentazzjoni ta' lment lill-Kummissjoni tista' għalhekk ma ssolvix is-sitwazzjoni speċifika u individwali tiegħek. Sabiex tikseb rimedju, inkluż kumpens jekk ikun mistħoqq, għandek tieħu azzjoni fil-livell nazzjonali fl-Istat Membru kkonċernat. Il-preżentazzjoni ta' lment lill-Kummissjoni ma tissospendix il-limiti ta' żmien biex tinbeda azzjoni legali skont il-liġi nazzjonali. Il-Kummissjoni tista' wkoll tiddeċiedi, fit-tħaddim tad-diskrezzjoni tagħha, li ma tiftaħx proċeduri ta' ksur, anki jekk tqis li jkun sar ksur tad-dritt tal-UE.

Is-servizzi tal-Kummissjoni awtomatikament se jittrattaw l-ilment tiegħek b'mod kunfidenzjali. Huwa biss f'każ li l-ilmentatur jagħżel trattament mhux kunfidenzjali fil-formola għall-ilmenti, li d-dipartimenti tal-Kummissjoni jistgħu jiddivulgaw l-identità u kull informazzjoni ppreżentata mill-ilmentatur lill-awtoritajiet tal-Istat Membru li kontrih ikun sar l-ilment. Id-divulgazzjoni tal-identità tal-ilmentatur mid-dipartimenti tal-Kummissjoni f'ċerti każijiet jaf tkun indispensabbli sabiex jiġi ttrattat l-ilment.

Stqarrija dwar il-politika ta' privatezza speċifika tapplika fir-rigward tat-trattament tal-ilmenti.

[1] C(2016)8600.